# KUNSILL LOKALI FGURA

126-128. 'KUNSILL LOKALI FGURA' TRIQ HOMPESCH, IL-FGURA FGR2015 TEL: 21 664000 email: fgura.lc@gov.mt

## ID-DISA' LEĠISLATURA

## Minuti

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Fgura

**Laqgħa Numru 22/2025**

Data: L-Erbgħa 18 ta' Ġunju 2025

Ħin: 17:30hrs

Post: Kunsill Lokali Il-Fgura, 126-128. Triq Hompesch, Il-Fgura.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Sur Clayton Portelli Cascun | Sindku |
| | Sur Ray Deguara | Kunsillier |
| | Sur Mark Lombardo | Kunsillier |
| | Sa Josianne Scicluna | Kunsilliera |
| | Sur Izak Catania De Giovanni | Kunsillier |
| | Sur Adrian Tanti (17:33hrs) | Kunsillier |
| | Dott Ryan Ellul (18:25hrs) | Kunsillier |
| Skużat/i: | Chev Darren Marmara | Viċi Sindku |
| | Sur Charles Bonello | Kunsillier |
| Assenti: | | |
| | Gwenith Calleja | Segretarju Eżekuttiv |

**AĠENDA**

22.1 TALBIET TA' APOLOĠIJA

22.2 MINUTI

22.3 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI

# KUNSILL LOKALI FGURA

22.4 KORRISPONDENZA

22.5 PLANNING AUTHORITY

22.6 MEMOS U KOMUNIKAZZJONI MID-DIPARTIMENT TAL-GVERN LOKALI

22.7 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

22.8 MISTOQSIJIET

22.9 MOZZJONIJIET

22.10 TENDERS, QUOTATIONS, KUNTRATTI U OFFERTI

22.11 FINANZI

22.12 TRAFFIC MANAGEMENT

22.13 PROĠETTI, TOROQ U XOGĦOLIJIET INFRASTRUTTURALI

22.14 PROGRESS TA' ĦIDMA MILL-MEMBRI TAL-KUNSILL

22.15 STAFF

22.16 PURCHASE REQUEST FORM

22.17 ĦLASIJIET

22.18 AĠĠORNAMENT

---

Il-laqgħa tal-Kunsill bdiet fil-17:30 bis-Sindku jrodd is-salib u rringrazzja lil min kien preżenti.

## 22.1 TALBIET TA' APOLOĠIJA

**22.1.1** Kien hemm żewġ talbiet ta' apoloġija mingħand il-Viċi Sindku, u mingħand il-Kuns C Bonello. Il-Kunsill approva dawn it-talbiet.

## 22.2 MINUTI

**22.2.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7175/25/9** 'Sabiex jiġu approvati l-minuti tal-laqgħa 21/2025 bid-data 14 ta' Mejju 2025.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 22.3 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI

**22.3.1** Is-Sindku nforma l-kamra li ser iressaq dikjarazzjoni. Is-Sindku qara din id-dikjarazzjoni annessa bħala 'Dok A', u stieden lill-membri tal-Kunsill sabiex jekk iħossuhom komdi, jiffirmaw id-dikjarazzjoni. Huwa ppreżenta wkoll dokumenti li juru min ordna l-'catering' sabiex ikunu jistgħu jarawhom l-membri tal-Kunsill, u qal li kemm ilu fil-kariga, qatt ma xtara jew ordna xi 'catering' għal xi attivitajiet. Id-dikjarazzjoni li ressaq is-Sindku ġiet iffirmata mill-Kuns R Deguara, il-Kuns M Lombardo u l-Kuns I Catania De Giovanni.

## 22.4 KORRISPONDENZA

**22.4.1** Is-Sindku nforma l-kamra li ser ikomplu l-korsijiet tal-Lifelong Learning minn Ottubru li ġej fl-Ingliż u l-Malti, li jsiru fil-Kunsill. Il-Kuns M Lombardo talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex tiċċekkja jekk il-Junior Science Club hux ser ikompli s-sena d-dieħla, fejn għal dan kemm is-Segretarju Eżekuttiv kif ukoll is-Sindku wieġbu li d-dipartiment tal-Edukazzjoni għadhom iridu jibgħatu jgħarrfu lill-Kunsill rigward dan.

**22.4.2** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7176/25/9** 'Sabiex dan il-Kunsill japprova t-talba mingħand il-Kummissjoni Festa Esterna għal manutenzjoni tal-arblu li hemm fi Pjazza Reggie Miller għall-ispiza ta' mhux aktar minn €500 mingħajr materjal.'

Din kienet sekondata mill-Kuns M Lombardo.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**22.4.3** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7177/25/9** 'Sabiex dan il-Kunsill japprova s-somma ta' talba ta' €100 għal xandiriet tal-festa fuq UTV, hekk kif inhu anness.'

Din kienet sekondata mill-Kuns M Lombardo.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 22.5 PLANNING AUTHORITY

**22.5.1** Is-Sindku nforma l-kamra li kienet ġiet riċevuta korrispondenza mill-Planning Authority, fejn is-Sindku kellu jidħol għall-laqgħa tal-Bord rigward il-binja ta' faċċata tal-Kunsill. Is-Sindku qal li sar l-argument minn naħa tal-Kunsill rigward dan, għaliex ġie ppreżentat 'impact assessment' minn naħa ta' Transport Malta. Huwa qal ukoll li staqsa dan l-'impact assessment' ta' meta hu, fejn irriżulta li huwa antik, u għaldaqstant għamel l-argument tiegħu peress li dan huwa 'outdated' jiġifieri skadut u invalidu. Is-Sindku kompla jgħid li talab sabiex tiġi diferita u jiġi diskuss mal-iżviluppatur li l-Fgura hija waħda mill-erbatax-il lokalità li ġiet magħżula għal Vjal Kulħadd. Huwa kompla bill qal li għalkemm sar l-argument, dan xorta waħda għadda mill-Planning Authority però l-Kunsill għandu jappella, fejn din diġà ġiet mitkellma mal-avukat u ser isir l-argument kollu, minħabba li l-main road tal-Fgura mhux ser tibqa 'two-way' imma ser tiġi 'one-way'.

Il-Kuns J Scicluna staqsiet x'linja gwida għandu jieħu l-Kunsill rigward din il-binja, fejn is-Sindku wieġeb li l-Kunsill huwa kontriha minħabba li kontra l-iżvilupp eċċessiv fil-'main road'. Il-Kuns J Scicluna qalet ukoll li xi residenti qed isaqsuha rigward binjiet oħra li qed jinbnew fil-'main road'. Is-Sindku wieġeb li f'każijiet bħal dawn, għandu jiġi mgħarraf il-kunsillier responsabbli bil-problema fejn wara jressaqha waqt il-laqgħa tal-Kunsill. Il-Kuns J Scicluna staqsiet jekk il-Kunsill jieħux deċiżjonijiet fuq il-binjiet kollha li qed jinbnew fil-Fgura, fejn is-Sindku wieġeb li jekk issegwi l-istorja tal-Kunsill Lokali, issib li l-ġlieda kienet fuq ir-razzett l-antik li kellu 200 sena u l-Kunsill dejjem emmen li dan qatt ma kellu jaqà. Is-Sindku sostna li l-Kunsill irid jaċevola ċ-ċentru tal-lokal, fejn jemmen li b'dik il-binja massiva ser jinqatel iċ-ċentru tal-Fgura.

Wara li tkompliet id-diskussjoni, is-Sindku qal li l-Kunsill ser jiltaqa' mal-avukat, fejn kull membru tal-Kunsill ser ikun jistà jgħaddi l-kummenti tiegħu sabiex ikun jista jsir l-appell.

## 22.6 MEMOS U KOMUNIKAZZJONI MID-DIPARTIMENT TAL-GVERN LOKALI

**22.6.1** Is-Sindku nforma l-kamra li l-Kunsill dejjem japplika għall-iskema tal-LESA u l-pulizija, fejn din id-darba l-Kunsill rċieva €384 lura kif ukoll €160, li jkunu jirrikjedu attivitajiet jew għeluq ta' toroq. Is-Sindku qal li issa l-Kunsill

mhux ser jibqa jmur għand ir-Reġjun biex jiġbor l-flus lura tal-LESA u l-pulizija, peress li l-proċess ser jinbidel u ser imorru taħt l-Arts Council.

## 21.7 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

**22.7.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7178/25/9** 'Sabiex dan il-Kunsill japprova x-xiri ta' fustun ta' 50Ft għal festi għas-somma ta' mhux aktar minn €460, hekk kif inhu anness.'

Din kienet sekondata mill-Kuns M Lombardo.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**22.7.2** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7179/25/9** 'Sabiex dan il-Kunsill japprova l-irħas kwotazzjoni annessa sabiex jinbidel il-bieb tal-cat shelter li jinsab fi Pjazza Redent Gauci.

Din kienet sekondata mill-Kuns A Tanti.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**22.7.3** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7180/25/9** 'Sabiex dan il-Kunsill japprova l-kwotazzjoni annessa għal ħruq ta' 2 kaxxi tan-nar minn fuq il-binja tal-Kunsill għal spiża ta' €319.43.'

Din kienet sekondata mill-Kuns M Lombardo.

Il-mozzjoni għaddiet b'5 voti favur u astenzjoni waħda.

Is-Sindku talab li jitniżżlu l-ismijiet.

Favur – Is-Sindku, Kuns R Deguara, Kuns M Lombardo, Kuns I Catania De Giovanni, Kuns A Tanti

Astenzjoni – Kuns J Scicluna

**22.7.4** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7181/25/9** 'B'referenza għall-mozzjoni 7110/25/9 dan il-Kunsill ser iżid in-nefqa għal cordless drill għal ammont ta' mhux aktar minn €735, hekk kif inhu anness.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**22.7.5** Is-Sindku nforma l-kamra li kull sena l-Kunsill iħejji għal Jum il-Fgura u ġie mħejji Sotto Kumitat mhux biss biex jintagħzlu n-nomini li jitfgħu l-Kunsilliera, imma anke biex bħala midalja tieħu aktar preġju. Is-Sindku qassam kopja tad-disinn tal-arma l-ġdida li ġiet approvata mis-Sotto Kumitat tal-Onorifiċenzi, lill-membri tal-Kunsill. Huwa spjega li f'din l-arma jidher il-fuħħar li kienet is-sejba Punika fil-qedem ġewwa l-Fgura, warajha fl-isfond hemm il-Knisja tal-Fgura li hija simbolu mal-lokal u minn taħt il-fuħħar tidher tiela l-pjanta tal-liedna. Is-Sindku kompla jispjega u qal li dawn it-tliet affarijiet ġew inkorporati mill-artist għax huwa xtaq li f'midalja waħda jesprimi l-passat, il-preżent u l-futur, fejn il-fuħħar jissimbolizza l-passat, il-knisja tissimbolizza l-preżent u l-pjanta tal-liedna tissimbolizza l-futur. Is-Sindku qara ittra mis-Segretarju tas-Sotto Kumitat annessa bħala 'Dok B', dokument bir-regoli anness bħala 'Dok C', u dokument anness bħala 'Dok D'.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7182/25/9** 'Sabiex dan il-Kunsill japprova s-somma ta' €150 għad-disinn tal-midalja li tingħata f'Ġieħ il-Fgura skond il-kwotazzjoni annessa.'

Din kienet sekondata mill-Kuns M Lombardo.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**22.7.6** Is-Sindku nforma l-kamra li l-Kunsill applika mal-Cleansing Department sabiex jassistu fit-tindif tat-toroq waqt il-jiem tal-festa, fejn intbagħat il-programm tal-festa bil-ġranet u l-ħinijiet.

**22.7.7** Is-Sindku nforma l-kamra li l-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand persuna fejn qed tgħid li kienet għaddejja minn Vjal Kottoner u għamlet ħsara kbira fil-qiegħ tal-karozza, fejn il-kont tal-ispejjeż biex titranġa l-ħsara mhux wieħed sabiħ. Is-Sindku qal li tkellem ma' din il-persuna għaliex il-problema hija peress li hi sfrundata t-triq u mhux 'pothole', u għaldaqstant il-Kunsill f'dan l-istadju ma jista jagħmel xejn. Wara diskussjoni qasira, kien hemm qbil bejn il-membri tal-Kunsill li din il-persuna għandha tiġi mgħarrfa li l-Kunsill ma jaċċettax it-talba tagħha biex tissewwa l-ħsara, u li din it-talba għanda tgħaddiha lill-entità responsabbli tal-bini mill-ġdid ta' Vjal Kottoner, li hija Infrastructure Malta.

## 22.8 MISTOQSIJIET

**22.8.1** Is-Sindku nforma l-kamra li l-Kuns J Scicluna bagħtet 'email' b'xi mistoqsijiet annessa bħala 'Dok E' u ser iweġibhom. Is-Sindku qal li l-ewwel mistoqsija hija rigward meta ser tibda Vjal Kottoner,

fejn huwa wieġeb li l-Kunsill m'għandux data, però din ser tibda ladarba jitlesta x-xogħol fi Triq il-Karmnu.

**22.8.2** Is-Sindku qal li t-tieni mistoqsija hija rigward meta ser jibda x-xogħol fuq il-bankini tal-'main road', fejn huwa wieġeb li l-Kunsill m'għandux data lanqas.

**22.8.3** Is-Sindku qal li t-tielet mistoqsija hija rigward x'sar minnhom il-flus li kien applika għalihom hu għall-fondi sabiex isiru l-bankini tal-'main road'. Is-Sindku wieġeb li ġiet mgħoddija l-approvazzjoni sabiex il-flus li l-Kunsill kellu tal-'open gym' flimkien mal-flus tal-bankini, jiġu mgħaqqda flimkien u minn hemm il-Kunsill jitkellem mal-perit u jiġi stabilixxit jekk il-Kunsill għandux imur għal proġett ieħor bl-istess flus, peress li l-flus li ġew mgħaqqda flimkien m'humiex suffiċenti.

**22.8.4** Is-Sindku qal li r-rabà mistoqsija hija rigward meta ser jibda l-proġett ta' mas-sur, fejn huwa wieġeb li l-Kunsill m'għandux data lanqas, minħabba li dawn huma kollha proġetti tal-Gvern u mhux tal-Kunsill.

## 22.9 MOZZJONIJIET

**22.9.1** Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigward.

## 22.10 TENDERS, QUOTATIONS, KUNTRATTI U OFFERTI

**22.10.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7183/25/9** 'Sabiex dan il-Kunsill japprova t-tender dwar Street Sweeping in the locality of Fgura, using low emission service vehicles skond kif inhu anness. (Anthony Scerri).'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**22.10.2** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7184/25/9** 'Sabiex dan il-Kunsill japprova t-tender dwar Tender of the professional services of an Architect skond kif inhu anness. (William Lewis).'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**22.10.3** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7185/25/9** 'Sabiex dan il-Kunsill japprova t-tender għal Upkeeping u maintenance of soft areas in the locality of Fgura skond kif inhu anness. (Callus Garden Centre).'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**22.10.4** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7186/25/9** 'Sabiex dan il-Kunsill japrova t-Tender ghal Leasing of property artificial turf football pitch skond kif inhu anness.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**22.10.5** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7187/25/9** 'Sabiex dan il-Kunsill japprova l-irħas kwotazzjoni annessa minn 1 ta' Lulju 2025 sa 30 ta' Gunju 2026, għażżamma u l-ftuħ tal-latrina pubblika, kif inhu anness.

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**22.10.6** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7188/25/9** 'Sabiex dan il-Kunsill japprova t-tender għal Supply of road marking paint with a reduced environmental impact skond kif inhu anness (Koperattiva Tabelli u Sinjali tat-Traffiku).

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 22.11 FINANZI

**22.11.1** Is-Sindku staqsa lill-membri tal-Kunsill jekk għandhomx xi mistoqsijiet fuq finanzi, fir-rigward tar-reply management letter. Il-Kuns J Scicluna qalet li tixtieq tkun taf dwarha u għaldaqstant sar kuntatt mal-'accountant'. Wara diskussjoni, is-Sindku qal li kull min ikollu xi mistoqsijiet għandu jibgħathom minn qabel lis-Segretarju Eżekuttiv biex tkun tista tgħaddihom lill-'accountant' u jkunu jistgħu jsiru t-tweġibiet, peress li ma tistax tistaqsi dwar id-dokument kollu waqt il-laqgħa.

Il-Kuns A Tanti ħareġ mill-kamra fis-18:25.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7189/25/9** 'Sabiex jigi approvat Reply to Management Letter ghas-sena 2024 skond kif anness - 10/06/2025.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet b'5 voti favur u astenzjoni waħda.

Is-Sindku talab li jitniżżlu l-ismijiet.

Favur – Is-Sindku, Kuns R Deguara, Kuns M Lombardo, Kuns I Catania De Giovanni, Kuns R Ellul

Astenzjoni – Kuns J Scicluna

## 22.12 TRAFFIC MANAGEMENT

**22.12.1** Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigward.

## 22.13 PROĠETTI, TOROQ U XOGĦOLIJIET INFRASTRUTTURALI

**22.13.1** Is-Sindku nforma l-kamra li attenda għal laqgħa rigward Triq A.M. Valperga n-naħa t'isfel ma' Triq ir-Riħan u Triq il-Ġiżi fejn ma hemmx tarmak, u ser jiġi stabilixxit meta ser jinbeda x-xogħol f'din il-parti tat-triq.

**22.13.2** Is-Sindku nforma l-kamra li fi Triq is-Summiena hemm tliet 'sluice valves' li huma baxxi ħafna u qegħdin l-isfel, u għaldaqstant il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand il-Water Services Corporation fejn qalu li jridu jibgħatu l-kuntrattur li l-Kunsill kellu qabel biex iqatta u jtella 'l fuq. Is-Sindku qal li huwa qalilhom li ma jaqbilx ma' dan u li għandhom jibgħatu lill-Infrastructure Malta u lill-kuntrattur li għamel tajjeb għall-kuntrattur li ma wasalx, u jekk il-kuntrattur li għamel it-triq ma jsib l-ebda oġġezzjoni u jżomm il-garanzija, jgħollihom 'il fuq u jitqattawx trinek. Il-Kunsill approva.

## 22.14 PROGRESS TA' ĦIDMA MILL-MEMBRI TAL-KUNSILL

**22.14.1** Is-Sindku stieden lill-Kuns R Deguara sabiex jagħmel l-intervent tiegħu. Il-Kuns R Deguara qal li fir-rigward tad-Day Centre ingħalqet l-ewwel sena tiegħu u s-suċċess tal-bidu tiegħu kompla,

peress li qed ikun hemm attendenza ta' aktar minn 50 persuna u minn ġimgħa għall-oħra dejjem ikun varjat u jsiru attivitajiet ġodda.

**22.14.2** Il-Kuns R Deguara qal li fir-rigward tal-ħarġa ġewwa l-Imdina din kienet ta' suċċess u li kull min attenda, apprezza ħafna l-kwalita tal-ħarġa u ġew mgħoddija kummenti sbieħ.

**22.14.3** Il-Kuns R Deguara qal li fir-rigward tal-ħarġa għall-palazz tal-President din ġiet 'fully booked' fi żmien erbat'ijiem.

**22.14.4** Il-Kuns R Deguara ressaq mozzjoni ref: **7190/25/9** 'Sabiex tiġi organizzata ħarġa f'Diċembru 2025 bit-tema tal-Milied ġewwa Għawdex għas-somma ta' mhux aktar minn €1,500 (elf u ħames mitt euro).

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**22.14.5** Is-Sindku stieden lill-Kuns M Lombardo sabiex jagħmel l-intervent tiegħu. Il-Kuns M Lombardo qal li fit-13 ta' Lulju ser issir il-festa, u fakkar li l-Kunsill ikollu stediniet bħal ftuħ uffiċjali tal-każin tal-banda fis-6 ta' Lulju, il-kunċert ta' lejliet il-festa li ser isir is-Sibt filgħaxija, il-quddiesa ta' jum il-festa li ser issir il-Ħadd filgħodu, kif ukoll ir-riċeviment tal-Kummisjoni Festa Esterna li ser isir fl-4 ta' Lulju.

**22.14.6** Il-Kuns M Lombardo ressaq mozzjoni ref: **7191/25/9** 'Sabiex dan il-Kunsill japprova l-budget ta' €6,000 għal kiri ta inġenji biex isir l-armar u żarmar tal-Festa tal-Fgura 2025.'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**22.14.7** Il-Kuns M Lombardo ressaq mozzjoni ref: **7192/25/9** 'Sabiex jingħata s-servizz ta' mobile toilets waqt l-attivitajiet relatati mal-festa f'dawn il-ġranet - mill-5 sa 13 ta' Lulju 2025. Dawn jitqiegħdu f'postijiet ċentrali skond ftehim mal-għaqdiet li jorganizzaw il-festa.'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**22.14.8** Il-Kuns M Lombardo ressaq mozzjoni ref: **7193/25/9** 'Sabiex isir servizz ta' generator skond il-quotation annessa ghall-granet tal-festa tal-parrocca.'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**22.14.9** Il-Kuns M Lombardo ressaq mozzjoni ref: **7194/25/9** 'Sabiex il-latrina pubblika tibqa miftuħa sa nofs il-lejl bejn 9 u 13 ta' Lulju 2025.'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**22.14.10** Il-Kuns M Lombardo ressaq mozzjoni ref: **7195/25/9** 'Sabiex tiġi organizzata attivita' soċjali b'risq il-festa b'kollaborazzjoni mal-Għaqda Mużikali u Soċjali Madonna tal-Karmnu għal spiża ta' mhux aktar minn €3,000 nhar it-28 ta' Ġunju 2025.

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**22.14.11** Il-Kuns M Lombardo ressaq mozzjoni ref: **7196/25/9** 'Sabiex tiġi organizzata il-Fgura Fest b'kollaborazzjoni mal-Kummissjoni Festa Esterna nhar il-5 ta' Lulju 2025 - allokazzjoni ta' mhux aktar minn €3,000.'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**22.14.12** Il-Kuns M Lombardo ressaq mozzjoni ref: **7197/25/9** 'Sabiex dan il-Kunsill jagħmel il-'follow spot' ta' fuq il-vara waqt il-purċissjoni relatata mal-Festa Titulari għall-prezz ta' mhux iżjed minn €250.'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**22.14.13** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7198/25/9** 'Sabiex dan il-Kunsill japprova t-talba mingħand is-Sur Lincoln Cowles (President) għall-bukkett tal-fjuri li jitpoġġa mal-vara tal-Madonna tal-Karmnu

fil-jiem tal-festa, għas-somma ta' mhux aktar minn €55, hekk kif inhu anness.

Din kienet sekondata mill-Kuns M Lombardo.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**22.14.14** Il-Kuns M Lombardo ressaq mozzjoni ref: **7199/25/9** 'Sabiex isir reklam fil-ktieb tal-Festa mahrug mill-Kummissjoni Festa Esterna, allokazzjoni ta' mhux aktar minn 300 euro.

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**22.14.15** Il-Kuns M Lombardo ressaq mozzjoni ref: **7200/25/9** 'Sabiex isir reklam tal-festa maħruġ mill-Għaqda Mużikali u Soċjali Madonna tal-Karmnu, allokazzjoni ta' mhux aktar minn €150 skond it-talba annessa.'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**22.14.16** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7201/25/9** 'Sabiex dan il-Kunsill japprova bukkett tal-fjuri biex jitpoġġa fuq il-bradella tat-titular il-Ħadd waqt il-purċissjoni quddiem il-binja tal-Kunsill.'

Din kienet sekondata mill-Kuns M Lombardo.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**22.14.17** Is-Sindku stieden lill-Kuns I Catania De Giovanni sabiex jagħmel l-intervent tiegħu. Il-Kuns I Catania De Giovanni qal li nstabet data li fiha ser jibda l-kors ta' '3D printing', li hija l-20 ta' Awwissu 2025.

**22.14.18** Is-Sindku stieden lill-Kuns J Scicluna sabiex tagħmel l-intervent tagħha. Il-Kuns J Scicluna qalet li kien hemm is-sessjoni tal-'yoga' li saret fit-23 ta' Mejju fejn kien hemm attendenza sabiħa.

**22.14.19** Il-Kuns J Scicluna qalet li attendiet għall-kors tal-'first aid' li kien imtellgħa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali u li kien jikkonsisti f'erbà sessjonijiet.

**22.14.20** Il-Kuns J Scicluna qalet li fil-11 ta' Ġunju attendiet għall-ħarġa tal-Imdina mtellgħa mill-Kuns R Deguara.

**22.14.21** Il-Kuns J Scicluna qalet li fit-13 ta' Ġunju attendiet għal konferenza f'Għawdex imtellgħa mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali, li kienet titratta l-isfidi ambjentali fejn anke saret żjara fl-impjant tar-'reverse osmosis'.

**22.14.22** Il-Kuns J Scicluna qalet li qagħdet ftit lura milli torganizza attivitajiet fis-sala tal-Kunsill sabiex tagħti spazju lil ħaddiehor, anke peress li s-sala qed tintuża mill-każin tal-banda sabiex isiru 'rehearsals' minħabba l-festa. Il-Kuns J Scicluna qalet ukoll li mill-bidu ta' din is-sena sa' Ġunju tellgħet disà attivitajiet fil-Kunsill u qed jiġu pjanati attivitajiet oħra biex isiru fis-sitt xhur li ġejjin, fejn anke talbet lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex ittiha stima tal-allokazzjoni fil-fondi tagħha, u li għal dan is-Segretarju Eżekuttiv għaddiet dak mitlub.

**22.14.23** Il-Kuns J Scicluna qalet li tinsab iddispjaċuta li ma tistax tattendi għall-ħarġa tal-Kuns R Deguara għall-palazz tal-President, peress li ma laħqitx ħallset id-donazzjoni ta' €5. Is-Sindku wieġeb li min ħallas id-donazzjoni li riedet titħallas mal-'booking' sejjer għall-ħarġa, filwaqt li min ma ħallasx tpoġġa fuq 'waiting list', bħalma tpoġġiet il-Kuns J Scicluna kif ukoll il-Kuns I Catania De Giovanni li ukoll ma ħallasx id-donazzjoni. Is-Sindku qal ukoll li jekk jikkanċella xi ħadd, min ikun imiss fil-'waiting list' imur minfloku, peress li l-'booking' kien 'first come first served', u li min ma jħallasx id-donazzjoni ma jiġix ibbukkjat. Il-Kuns R Deguara qal li fl-'email' kien hemm miktub li l-'booking' jiġi aċċettat meta tingħata d-donazzjoni, u li l-frażi "ma tistax tattendi" mhux korretta għax ma laħqitx ibbukkjat peress li d-donazzjoni ma ngħatatx. Il-Kuns J Scicluna staqsiet jekk jistax jitkabbar in-numru ta' persuni li jistgħu jattendu peress li hemm numru ta' persuni li jixtieq jattendu, fejn għal dan il-Kuns R Deguara wieġeb li kien infurmat mill-palazz li l-massimu huwa ta' 50 persuna u li huma kollha residenti.

## 22.15 STAFF

**22.15.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7202/25/9** 'Sabiex għall-vakanza ta' Skrivan fi Skala 15 fi ħdan il-Kunsill Lokali tal-Fgura għandu jimla' din is-sejħa bil-kandidat li ġie fl-ewwel post. F'każ li din is-sejħa ma tiġix aċċettata mingħand il-kandidat, il-Kunsill imexxi għal lista oħra mingħand Jobsplus, dan għaliex il-kandidati l-oħra ma kwalifikawx.

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 22.16 PURCHASE REQUEST FORM

**22.16.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7203/25/9** 'Sabiex jiġu approvati PRFPO għall-laqgħa tal-Kunsill ta' Ġunju 2025 kif inhu anness.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 22.17 ĦLASIJIET

**22.17.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7204/25/9** 'Sabiex jiġu approvati l-lista tal-ħlasijiet minn 07/05/2025 sa 11/06/2025 kif inhu anness.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 22.18 AĠĠORNAMENT

**22.18.1** Il-laqgħa ntemmet fis-19:00 hrs.

Il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 23 ta' Lulju, 2025 fil-17:30hrs.

Is-Sur Clayton Cascun Portelli
Sindku

Is-Sa Gwenith Calleja
Segretarju Eżekuttiv

Data: 18 ta' Ġunju, 2025

4: Dok 'A'

**Dikjarazzjoni tas-Sindku Clayton Cascun Portelli**

Nhar l-14 ta' Mejju 2025, waqt il-laqgħa ordinarja tal-Kunsill Lokali tal-Fgura, qabel ma ħareġ mill-kamra, is-Sur Darren Marmarà – Viċi Sindku – instema jgħid, u nikkwota:

"Kompli ordna l-*catering* inti ta." B'referenza ċara lejn is-Sindku.

Nixtieq niddikjara li, fid-dawl ta' din l-allegazzjoni, tqajmu dubji serji fuq kull Kunsillier li jorganizza attivitajiet f'isem il-Kunsill, għalhekk jien ser nieħu pożizzjoni ċara u trasparenti.

Bħala Sindku ta' dan il-lokal, irrid infakkar li jien għandi fiduċja sħiħa fil-Kunsilliera li jorganizzaw l-attivitajiet, kif ukoll fis-sistema kif titħaddem mill-istaff tal-Kunsill. Għalhekk, qed nitlob lil dawk il-Kunsilliera kollha li minn Lulju 2024 sal-lum li ġieli talbu lill-uffiċjali klerikali biex jiġbru kwotazzjonijiet għall-*catering* waqt attività, sabiex jekk iħossuhom komdi, jiffirmaw din id-dikjarazzjoni bħala ġest ta' responsabbiltà u trasparenza, sabiex inaddfu isimhom minn kull allegazzjoni possibbli dwar l-involviment fl-għażla jew fl-ordni ta' servizzi ta' *catering*.

Fl-aħħar nett jekk il-Viċi Sindku Darren Marmarà, ta irregolaritajiet fuq il-Kunsill Lokali tal-Fgura inħeġġu li għandu jmexxi tali informazzjoni 'l quddiem ma' l-awtoritajiet kompetenti. Fin-nuqqas li m'għandux provi li jissostanzja d-dubji li żergħa, nitolbu sabiex jagħmel apoloġija waqt il-Laqgħa tal-Kunsill.

Nittama, mill-inqas, li ladarba – kif nemmen – ma jsib xejn li jikkonferma xi allegazzjonijiet, jagħmel il-pass korrett u jiskuża ruħu mal-kollegi Kunsilliera li fuqhom intefa dell żbaljat, kif ukoll mal-ħaddiema tal-Kunsill li jwettqu xogħolhom b'determinazzjoni u professjonalità.

Clayton Cascun Portelli

Sindku – Kunsill Lokali Fgura

Dok 'B'

Sotto Kumitat Onorifiċenzi 2025

Għeżież,

Nixtieq ninfurmakom li n-nomini għall-għotjiet ta' Jum il-Fgura 2025 jridu jiġu sottomessi permezz ta' formola online. Il-link għall-formola diġà huwa disponibbli u se jiġi attivat nhar it-Tlieta, 1 ta' Lulju 2025, biex il-proċedura tkun tista' titwettaq kif suppost.

Intom mistennija timlew b'mod ċar u sħiħ id-dejta kollha li tkun immarkata b'* fuq il-formola, peress li dawn l-ispazji huma obbligatorji u mhux fakultattivi.

Għal kull nomina, trid timtela formola ġdida, jiġifieri formola waħda għal kull nomina individwali.

Il-proċess tan-nomini jingħalaq il-Ħadd, 3 ta' Awwissu 2025, u għalhekk huwa essenzjali li l-formoli jiġu sottomessi qabel din id-data sabiex jiġu kkunsidrati.

Nixtiequ nappellaw biex tagħtu attenzjoni u żżommu mal-ħin sabiex il-proċess jitwettaq b'mod effiċjenti u ordnat.

Link għall-formola: https://forms.office.com/r/k2sF8qMkE2

FGURA LC

Dok 'c'



1. Ġieħ il-Fgura tista' tingħata lill-persuna **waħda (1)** biss.
2. Ħajr il-Fgura tista' tingħata lill-massimu ta' **ħames (5)** persuni biss.
3. L-Istilel Fgurin jistgħu jingħataw lill-ammont **mhux definit ($x$)** ta' persuni.
4. Ir-Rikonoxximenti jistgħu jingħataw lill-ammont **mhux definit ($x$)** ta' persuni
5. Kemm persuna ddum isservi fil-Kunsill, ma **tistax tiġi nnominata** – f'każ li tiġi nnominata xorta, din **taqa' b'mod awtomatiku**. Wara li t-terminu jkun ġie mitmum, il-persuna tkun eliġibbli sabiex tiġi nnominata.
6. In-nomini mill-Kunsilliera jridu jaslu permezz ta' **formola** li se tkun qeda tiġi mqassma online u d-dettalji li jkunu mmarkati b' * jridu **jimtlew bilfors.**
7. Għal kull nomina, trid timtela **formola ġdida**.
8. Il-bord, b'vot sempliċi, għandu kull dritt li **jbiddel it-tip tal-għotja** li persuna nominata tingħata – differenti minn dak li jkun talab il-Kunsillier rispettiv.
9. Flimkien mal-għotja għandu jiġi ppreżentat ukoll ċertifikat.
10. Ir-ribbon ta' mal-midalji jridu jkunu abjad fuq **ix-xellug u aħmar fuq in-naħa tal-lemin**, meta wieħed iħares min quddiem (il-quddiem tal-medalja).
11. Il-Formola għada **tinkludi** dawn il-kriterji kif ġej:
    a) Isem
    b) Kunjom
    c) Numru tal-ID Card
    d) In-numru tal-mobile
    e) L-Indirizz
    f) L-Għotja (proviżorja)
    g) Il-Profil

12. Iċ-ċertifikat uffiċjali b'disinn tal-Kunsill għandu **jinkludi** dan li ġej:
    a) Format A4
    b) Is-Salib ta' Triq Hompesch li jissimbolizza l-Parroċċa
    c) L-arma uffiċjali tal-Lokal
    d) It-tip tal-għotja
    e) Id-data
    f) Il-Firma tal-Kunsillier responsabbli u tas-Sindku

FGURA LC

Dok 'D'



- **It-Tlieta 18 ta' Ġunju 2025 –** Titħabbar is-sistema l-ġdid waqt il-laqgħa tal-Kunsill.

- **It-Tlieta 1 ta' Lulju 2025 –** Jiftħu n-nomini permezz ta' formola online.

- **Il-Ħadd 3 ta' Awwissu 2025 –** Jagħlqu n-nomini.

- **Bejn it-Tnejn 4 ta' Awwissu u l-Ġimgħa 8 ta' Awwissu 2025 –** Laqgħa tas-Sotto Kumitat fejn se jkunu qed jiġi diskussi n-nomini kollha jintlaħaq qbil.

- **L-Erbgħa 20 ta' Awwissu 2025 –** Jitressqu l-ismijiet quddiem laqgħa tal-Kunsill Lokali.

- **Bejn it-Tnejn 25 ta' Awwissu u l-Ġimgħa 29 ta' Awwissu 2025** – Laqgħa tas-Sotto Kumitat f'każ li ma jintlaħaqx qbil waqt il-laqgħa tal-Kunsill (l-Erbgħa 20 ta' Awwissu).

- **Il-Ġimgħa 24 ta' Ottubru 2025 –** Is-Serata' ta' Jum il-Fgura.

FGURA LC

Dok 'E'

**Fgura Local Council at Fgura Local Council**

**From:** Josianne Scicluna <josianne.scicluna1@gmail.com>
**Sent:** Tuesday, 17 June 2025 02:45
**To:** Clayton Cascun Portelli
**Cc:** Calleja Gwenith at Fgura Local Council; Gatt Ann Marie at Fgura Local Council; Darren M; Fgura Local Council at Fgura Local Council
**Subject:** Re: Sabiex nitkellem waqt laqgha tal-Kunsill

CAUTION: **This email originated from OUTSIDE the Government Email Infrastructure. DO NOT CLICK LINKS or OPEN attachments unless you recognise the sender and know the content is safe.**

Ghaziz Sindku u Segretarju,

Mistoqsijiet ghal waqt il-laqgha tal-Kunsill.

Meta ser tibda triq Vjal Kottoner?

Meta ser jibda ix-xoghol fuq il-bankina tal main road?

X'sar minnhom il-flus li kont applikajt inti ghalijhon Sur Sindku ghal fondi sabiex naghmlu banikna tal main road?

Meta ser jibda il-progett ma dawra ta' sur?

Tislijiet,
Josianne Scicluna
Kunsilliera

On Mon, 16 Jun 2025, 17:05 Clayton Cascun Portelli, <cascun4fgura@gmail.com> wrote:

Għażiża kunsilliera,

Naħseb ma fimtx l-email precedenti, nitolbok terga taqra dak li hemm miktub

Tislijiet

**Clayton Cascun Portelli**
Sindku

m +356 79012089 e cascun4fgura@gmail.com

*Kindly consider your environmental responsibility before printing this e-mail*